**14 ta' Jannar, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. A. Gauci Maistre LL.D.**

Giorgia, mart Giovani Caruana, pro et noe.,

*versus*

Marianna armla ta' Giuseppe Abela

## Serviġi — Intempestività — Kumpens.

*Ma ..tifiex intempestiva l-azzjoni għall-ħlas ta' serviġi jekk din ..ssir qabel il-mewt ta' min ikun irċieva l-istess serviġi.*

*Is-se.viġi ma humiex preżunti li jiġu reżi gratwitament.*

*Rigali sempliċi u żgħar m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-kumpens għas-serviġi.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew li huma għal żmien għaxar snin sħaħ ipprestaw serviġi lill-konvenuta u lil żewġha Giuseppe Abela; u li kemm il-konvenuta kemm żewġha kienu ppromettew lill-atturi li wara mewthom kellhom jikkompensawhom ta' dawn is-serviġi, u li l-konvenuta, xhur wara l-mewt ta' żewġha offriet lill-atturi s-somma ta' erbgħin lira (£40) bħala kumpens tas-serviġi lill-istess prestati lilha u lil żewġha — liema somma ġiet mill-atturi rifjutata billi hija inadegwata — talbu li — il-konvenuta, fil-kwalità tagħha fuq premessa tiġi kundannata tħallas lill-atturi dik is-somma li tiġi minn din il-Qorti likwidata; jekk hemm bżon anki b'opera ta' perit nominandi, bħala kumpens għas-serviġi minnhom prestati lill-konvenuta u lil, llum mejjet, żewġha; bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-14 ta' Awwissu, 1953 u bl-imgħaxijiet legali min-notifika ta' l-istess.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u n-nota tax-xhieda tagħhom;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha eċċepiet li ebda kompens mhu dovut lill-attriċi peress li dana tħallas meta kien dovut naturalment jekk mhux legalment; fil-każ però li xi kumpens hu dovut it-talba attriċi hija, skond it-teżi attriċi stess, intempestiva, billi suppost li l-eċċepjenti u żewġha kellhom iħallsu għas-serviġi pretiżi wara mewt-

hom, u talbet għaldaqstant li tiġi meħlusa mill-ġudizzju u mid-domandi attriċi, bl-ispejjeż;

OMISSIS;

Huwa għalhekk spedjenti li tiġi qabel xejn trattata t-tielet eċċezzjoni għaliex jekk fondata jkun inutli li wieħed joqgħod jinoltra ruħha fil-meritu, u ma jiftihemx lala' l-konvenuta m'insistitx fuq dina l-eċċezzjoni tagħha mill-bidunett a skans ta' spejjeż u ta' żmien. Il-Qorti però ma tarax li dina l-eċċezzjoni hija sostnuta. L-ewwelnett kif sewwa rrileva l-perit mill-provi ma rriżulta xejn minn dana kollu. Huwa veru li fiċ-ċitazzjoni hemm illi l-konvenuta u żewġha kienu jwegħdu lill-atturi li jħallsuhom wara mewthom, però mill-provi rriżulta biss li l-konvenuta u żewġha kienu jgħidu lill-atturi li 'l quddiem iħallsuhom: 'l quddiem ma jfissirx neċessarjament wara l-mewt. Il-konvenuta aktar tard però wara li kienu għaddew għaxar snin qalet lill-attriċi li kien beħsiebha tiktbilha ħamsin lira (£50) fit-testment bħala kumpens, u kien milli jidher għalhekk li l-atturi inqatgħu minn magħha billi raw li l-kumpens ma kienx adegwat. Il-kliem kontenut fiċ-ċitazzjoni dwar il-ħlas wara l-mewt tal-konvenuta u żewġha għandu jiftihem b'riferenza għad-diskors li sar bejn il-konvenuta u l-attriċi Giorgia Caruana f'din iċ-ċirkostanza u mhux għal xi diskors jew ftehim li kien sar qabel. Il-konvenuta dejjem għamlet riferenza għall-att promotorju tal-ġudizzju imma ma rriferiet għall-ebda prova oħra anki ta' l-istess atturi. Barra minn dan huwa magħruf ukoll illi s-serviġi jitħallsu wara l-mewt ta' min ikun irċevihom f'nuqqas ta' xi ftehim ċar ad hoc — għaliex ikun baqgħu jiġu reżi sal-mewt tat-testatur u b'dik l-isperanza jew kondizzjoni — imma meta, bħal każ preżenti, min ikun ippresta s-serviġi jara li mhuwiex sejjer jiġi retribwit adegwatament, huwa ma joqgħodx jistenna l-mewt tal-benefiċjarju tas-serviġi tiegħu, u dana sija għaliex jista' jitlef ħafna mezzi ta' prova,

sija għaliex jista' jkun hemm xi ostakolu ta' preskrizzjoni, sija għaliex anqas huwa ġust li huwa jibqa' jistenna indefinitivament il-kumpens ta' xogħol li jkun ġie terminat. Dina l-eċċezzjoni tal-intempestività ta' l-azzjoni għaldaqshekk hija miċħuda bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Tikkunsidra fil-meritu illi l-provi ma jurux illi kien hemm dik il-familjarità bejn l-aturi u l-konvenuta li teskludi ebda ideja ta' rimunerazzjoni da parti tal-konvenuta u żewġha, jew li l-atturi kienu disposti li għal żmien għaxar snin sħaħ jirrendu serviġi mingħajr ebda ideja ta' ħlas. "La prestazione gratuita non si presume, e l'animo di donare e la rinunzia a retribuzione non devono facilmente accogliersi", kif esprimiet ruħha din il-Qorti in re "Felice vs. Vella". 22 ta' Ġunju, 1875.

OMISSIS;

Kwantu għall-kumpens suġġerit mill-perit, il-Qorti tara illi għal dak li jirrigwarda lill-attriċi Giorgia Caruana sittin lira (£60) huwa kumpens adegwat meħud in konsiderazzjoni ż-żmien meta ġew prestati is-serviġi, ċjoè, bejn il-1941 u 1951 meta x-xogħol ma kienx jitħallas bil-għoli daqs dażżmien, u meħud ukoll in konsiderazzjoni li l-konvenuta anki jekk marida ma kenitx dejjem fis-sodda u kwindi ċerti serviġi ma kenux jiġu prestati kontinwament. Għaż-żewġ attriċi l-oħra l-Qorti tiffissa kumpens ta' erbgħa u għoxrin lira u sitta u tletin rispettivament li minnhom għandhom jonqsu l-ammont li rċevew mingħand il-konvenuta jew żewġha u li b'ċifra tonda l-Qorti tiffissa għal tnax-il lira u għoxrin lira rispettivament. Il-Qorti ma tarax li hemm lok għad-deduzzjoni mill-ammont ta' sittin lira fissat bħala kumpens għall-attriċi u l-okkażjonijiet meta nagħtaw juri li si tratta ta' sempliċi rigali li kif rriteniet din il-Qorti in re "Grech vs. Pace", Kollez XXIII, ii, paġ. 42 m'għandhomx jittieħdu in konsi-

derazzjoni fil-likwidazzjoni tal-kumpens. Għaldaqshekk jiġi li l-konvenuta għandha tħallas sittin lira (£60) lill-attriċi Giorgia Caruana, tnax-il lira (£12) lill-attriċi Emmanuela Caruana u sittax-il lira lill-attriċi Concetta Caruana, b'kollox tmienja u tmenin lira (£88).

Tikkunsidra dwar l-ispejjeż li l-attriċi għalkemm qabel il-kawża talbet ammont determinat li kien wisq superjuri għal dak likwidat mill-Qorti, però, fil-kawża qagħdet attenta li ma titlob ebda ammont u rrimettiet ruħha għad-diskrezzjoni tal-Qorti. Il-konvenuta fil-bidu tal-kawża għall-fini ta' l-ispejjeż offriet erbgħin lira (£40), imma l-ammont likwidat issupera ferm l-ammont offert wara li bdiet il-kawża; għalhekk m'hemmx lok għat-temperament fil-kap tal-ispejjeż kif sostniet il-konvenuta;

Għaldaqshekk tiddeċiedi billi tikkundanna l-konvenuta li tħallas is-somma ta' tmienja u tmenin lira (£88) ċjoè, sittin lira (£60) lill-attriċi Giorgia Caruana, tnax-il lira (£12) lill-attriċi Emmanuela u sittax-il lira lill-attriċi Concetta, bl-imgħax mid-data ta' dina d-deċiżjoni u bl-ispejjeż.